MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## MARIO SCERRI

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2010

Talba Numru. 18/2010

Creek Company Limited (C14232)

vs

L-Avukat Dottor Joseph Grech li b'digret tal-1 ta' April 2010, gie nominat kuratur deputat tal-imsiefer Nicholas Rose Wearden-Murphy

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fit-3 ta' Mejju 2010, li jghid hekk :

"Illi permezz ta' skrittura tas-17 ta' Ottubru 2005, maghmula bejn is-socjeta' attrici rapprezentata minn Dominic Sultana u l-konvenut nomine, is-socjeta' attrici kriet lill-konvenut nomine n-negozju ezercitat mill-fond maghruf bhala 'Creek Pub and Winebar' fi Triq Ir-Rabat, Marsalforn, Ghawdex, kopja annessa Dok.A.

Illi skond l-istess ftehim il-konvenut kellu fost l-ohrajn ihallas ghas-servizzi kollha tal-fond fosthom ghall-konsum tal-kurrent elettriku u ilma, u huwa kellu wkoll jindennizza lis-socjeta' attrici ghal kwalunkwe hlasijiet inkorsi minnha ghal dan il-fini.

Illi fil-fatt ghadha dovuta mill-konvenut nomine s-somma ta' elfejn mija u sebgha Euro u sebgha centezmi (€2107.07) bhala indennizz ghall-ispejjez inkorsi mill-attrici ghall-hlas ta' konsum ta' kurrent elettriku u ilma relattiv ghal perjodu li fih il-fond ossia negozju kien qed jigi gestit mill-konvenut nomine.

Illi l-konvenut nomine ghadu ma hallasx l-ammont dovut.

Illi ghaldaqstant s-socjeta' attrici titlob lil dan it-Tribunal biex jikkundanna lill-konvenut nomine sabiex ihallas l-ammont dovut ta' elfejn mija u seba' Euro u sebgha centezmi (€2107.07) flimkien mal-imghax, l-ispejjez ta' din il-procedura, u tal-ittra ufficjali 78/2010 prezentata fil-15 ta' Frar 2010.' ;

Ra r-risposta tal-konvenut nomine tal-31 ta' Mejju 2010, fejn eccepixxa li huwa mhuwiex edott mill-fatti u rrizerva li jressaq dawk l-eccezzjonijiet kollha skond il-ligi ;

Sama' l-provi ;

Ra l-atti kollha tal-kawza, u d-dokumenti esibiti ;

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;

Ikkunsidra :

Illi jirrizulta mill-atti li permezz ta' skrittura privata tas-17 ta' Ottubru 2005, is-socjeta' attrici kienet kriet lill-konvenut Nicholas Ross Wearden-Murphy il-gestjoni tan-negozju maghruf bl-isem ta' 'Creek Pub and Winebar', fi Triq Ir-Rabat, Marsalforn, Ghawdex, ghal perjodu ta' hames snin. Fost il-kundizzjonijiet li gew imposti fuq il-konvenut kien hemm li jrid jaghmel tajjeb ghall-hlasijiet kollha konnessi mal-gestjoni ta' dan in-negozju fosthom il-hlasijiet tal-

konsum u renti tal-arloggi tad-dawl lucelettrika u tal-ilma [kundizzjoni numru hamsa (5) tal-ftehim]. Il-konvenut m'ghamilx iz-zmien kollu tal-lokazzjoni u kien ittermina l-kirja qabel iz-zmien u siefer, u halla kont pendenti mal-Korporazzjoni Ghas-Servizzi tal-Ilma fl-ammont ta' elfejn mija u seba' Euro u sebgha centezmi (€2107.07), li finalment trid taghmel tajjeb ghalihom mal-Korporazzjoni s-socjeta' attrici li hija s-sid tal-fond u f'isimha huma registrati l-arloggi ta' dawn is-servizzi ;

Mill-korrispondenza elettronika skambjata bejn il-partijiet u li kopja taghha giet esibita mis-socjeta' attrici jirrizulta li l-konvenut kien qed jirrifjuta li jhallas dan il-kont il-ghaliex fl-ewwel lok kien deherlu li l-kont kien gholi u kien qed jikkontesta li l-konsum kien hlieh hu, u fit-tieni lok il-konvenut kien deherlu li lanqas m'ghandu jhallas il-ghaliex meta hareg mill-fond huwa kien halla hemm gew xi attrezzi u stock li kien xtara minn butu u li ghamel a spejjez tieghu. Minkejja pero' li l-kuratur deputat mahtur biex jirrapprezenta lill-konvenut fil-kawza pprova jikkomunika mal-konvenut fl-esteru fuq l-istess indirizz elettroniku li fuqu kienet tikkorrispondi mieghu s-socjeta' attrici, il-konvenut baqa' ma kkomunikax mieghu u baqa' ma ssostanzjax il-pretensjonijiet tieghu. Jirrizulta mill-istess skrittura ta' lokazzjoni li l-konvenut ma kellu ebda dritt ghal rimborz tal-ispejjez minghand is-socjeta' attrici ghall-miljoramenti li jaghmel fil-fond kemm in-negozju jdum mikri lilu [kundizzjoni numru ghoxrin (20) tal-ftehim]. L-artikolu 992(1) tal-Kap.16 jipprovdi li 'il-kuntratti maghmula skond il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom'. Kif sewwa rriteniet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tal-11 ta' Lulju 1989, fil-kawza fl-ismijiet : **Henry Degabriele noe vs Joseph Pullicino**, il-qofol u l-pedament ta' kull ligi li qatt saret biex tirregola l-konvivenza socjali bbazata fuq l-obbligazzjoni sa mill-bidu – cjoe' r-*rationalis principium* huwa li *pacta sunt servanda*. Ghaldaqstant it-talba tal-attur fil-konfront tal-konvenut ghall-hlas tal-pendenzi li l-konvenut halla tal-kontijiet tad-dawl u tal-ilma kemm il-fond dam f'idejh hija gustifikata u timmerita li tigi milqugha ;

Mix-xhieda ta’ George Caruana li kienet il-persuna li lilha kien inkera l-fond wara li hareg il-konvenut, jirrizulta li l-arloggi tad-dawl u tal-ilma kien gew moqrija u li l-konsum sas-16 ta’ Mejju 2009 kien fl-ammont indikat fl-avviz tat-talba ;

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380 ;

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici, u jikkundanna lill-konvenut Nicholas Ross Wearden-Murphy sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elfejn mija u seba’ Euro u sebgha centezmi (€2107.07), ammont dovut minhabba konsum u renti tal-arloggi tad-dawl lucelettrika u tal-ilma tal-fond ‘Creek Pub and Winebar’, fi Triq Ir-Rabat, Marsalforn, li kien mikri lilu mis-socjeta’ attrici, u li l-konvenut kien halla pendenti meta ttermina l-kirja u hareg minn hemm, bl-imghaxijiet legali millum sal-effettiv pagament stante li mill-atti jidher li sallum dan il-kont is-socjeta’ attrici ghadha ma ssaldatux mal-Korporazzjoni Ghas-Servizzi tal-Ilma, u bl-ispejjez kollha gudizzjarji u legali bil-VAT, kontra l-istess konvenut, inkluzi wkoll dawk tal-ittra ufficjali numru 78/2010 tal-15 ta’ Frar 2010, b’dan illi l-ispejjez tal-kuratur l-Avukat Dottor Joseph Grech ghandha taghmel tajjeb ghalihom is-socjeta’ attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------